**19 ta' Mejju, 1958**

**Imħallef:—**

***Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.***

Il-Pulizija

*versus*

Toni Galea

**Attruppament — "Dockyard Policeman".**

*Id-delitt ta' attruppament jikkonsma ruħu bil-fatt li wieħed ikun f'ġemgħa ta' nies, avvolja bla ebda ftehim, u jkun qiegħed jieħu parti attiva, jiġifieri li hu jgħid jew jagħmel xi ħaġa li biha ħa parti mal-oħrajn jew għenhom fil-ħsieb tagħhom.*

*Il-fatt li l-imputat ta' attruppament kien 'Dockyard Policeman" jirrendi r-reat tiegħu aktar gravi.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imsemmi Galea taħt l-art. 68(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali b'riferenza għall-art. 339(c) tal-Kodiċi Kriminali u għall-art. 33(j) tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija;

Rat l-atti jiet tal-kumpilazzjoni magħmula kontra l-imputat, u ċjoè fuq l-akkuża talli fit-28 ta' April 1958, f'Birżebbuġa, ħa parti attiva f'ġemgħa ta' nies ta' iżjed minn għaxra bi skop li jagħmlu reati, liema reati fil-fatt saru, u preċiżament (a) danni volontarji tal-valur ta' iżjed minn £3 iżda anqas minn £10 għad-dannu tal-Gvern Ċivili, u (b) ingombru u ostakolu fi trieq publika;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tat-13 ta' Mejju 1958, li biha sabet lill-imputat ħati

il'i ħa parti attiva f'attruppament furmat minn aktar minn għaxra minn nies bl-iskop li jagħmlu dannu lil ħajt proprjetà tal-Gvern ta' mhux aktar minn £3, reat li fil-fatt ġie kommess; u wara li ħadet in konsiderazzjoni l-perijodu li l-imputat kien jinsab taħt arrest, ikkundannatu għall-piena tal-priġunija għal żmien xahrejn;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

L-Ewwel Qorti rriteniet lill-appellant ħati talli ħa parti attiva f'attruppament, furmat minn aktar minn għaxra minn nies, bl-iskop li jagħmlu ingombru u ostakolu fit-trieq publika u ħsara fil-proprjetà tal-Gvern, li fil-każ tal-imputat ma kienetx aktar minn £3 — reati li fil-fatt ġew kommessi. Peress li ż-żewġ attijiet ta' ingombru u ta' danneġġjament saru "unico contextu", għalhekk l-Ewwel Qorti rriteniet li r-reat, "in lege", kien wieħed, ċjoè dak gravjuri ta' danneġġjament, li jassorbixxi l-kontravvenzjoni ta' ingombru;

Dan l-appell ma kienx hemm loku, għaliex il-provi jassodaw l-imputazzjoni "ad esuberanza";

Meta l-imputat ġie nterrogat fil-kors tal-investigazzjoni tal-każ, hu għamel għall-ewwel li "statement" li hemm fol. 8 tal-proċess, u fih qal . . . . L-imputat mbgħad kompla jgħid . . . . L-Ispettur irrispondieh li l-ewwel "statement" ma kienx iqattgħu, imma, jekk kien irid, l-imputat seta' jagħmel "statement" ieħor. L-imputat allura għamel li "statement" l-ieħor fil-fol. 9, li fih qal hekk . . . . .;

Minn dan li "statement", ossija konfessjoni, tal-imputat (u l-karattru volontarju tagħha ma ġie bl-ebda mod attakkat mid-difiża) tirriżulta l-imputazzjoni; għax joħroġ minnha li hu kien f'attruppament ta' aktar minn għaxra minn nies, u kien qiegħed jippartecipa attivament "in furtherance of the common design", filli jħott ħajt abużiva-

ment, u bil-ġebel tiegħu jżid ix-xogħol tal-imblukkar tat-trieq. Kien hemm jew ma kienx hemm ġa ostakolu fit-trieq x'ħin wasal l-imputat, ċert hu, skond il-konfessjoni tiegħu stess, li x-xogħol kien għadu qiegħed jiżdied, u li l-imputat kompla mal-folla biex iżidu;

Fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, l-imputat ipprova jerġa lura; u qal li, x'ħin kien hemm hu, xi nies bdew jaqilbu u jħottu l-ħajt, u kien hemm xi ġebla jew tnejn il-barra; u billi hu ħaseb li jistgħu jaqgħu fuq xi tfal, ġibidhom għal isfel u ħallihom taħt il-ħajt. Omm l-imputat xehdet konformement. Hu ċar li, di fronti għat-tieni statement tal-imputat lill-Pulizija, din is-supposta spjegazzjoni tiegħu serotina ma tistgħax tiswa; xejn xejn għar-raġuni waħda, jekk mhux għal ħaġ'oħra, u ċjoè għar-raġuni li fl-ebda wieħed minn li "statements" tiegħu, u partikolarment fit-tieni wieħed, hu ma semma b'xejn din iċ-ċirkustanza li ħareġ biha issa; mentri hu ovvju li, kieku ma kienetx "arriere pensée" bi skop ta' difiża, kien wisq naturali li hu jgħidha l-ewwel ħaġa, u mhux l-ewwel jiċħad għal kollox li mess xi ġebel mill-ħajt u mbgħad jgħid li kien mal-folla u ġibed xi ġebel hu wkoll, li wara nferrxu fit-trieq, bla ma jsemmi bl-ebda mod dak li qiegħed isemmi issa;

Ix-xhud Petty Officer Parson, R.N. qal . . . . . . ;

Ix-xhur Butler qal ukoll . . . . . . .;

Ix-xhud Evelyn Jones rat lill-imputat . . . . ;

Ix-xhud Margaret Sergeant rat lill-imputat . . . . . ;

Hu indubitat li l-każ hu pruvat bil-konfessjoni tal-imputat, li weħedha kienet tkun ġa biżżejjed. Hemm mbgħad ukoll, bi prova ta' dettalji li ma semmiex l-imputat, ix-xhiediet fuq imsemmija;

Ikkunsidrat;

Ix-xhieda miġjuba in difiża mill-imputat ma jwasslu mkien; għax dawn ma jgħidux hlief li f'ċerta ħin l-imputat kien bdejhom ħares. Il-Prosekuzzjoni ma tippretendix

li l-imputat kien qiegħed jaħdem fir-"road block" il-ħin kollu bla ma jaqta'. Il-provi, kompriża l-konfessjoni tiegħu, juru li f'ċertu ħin hu ħa parti attiva u assista; dak hu biżżejjed biex tiġi sostnuta l-imputazzjoni;

Kif ġie ritenut fis-sentenza "La Polizia vs. Refalo", 21 ta' Jannar 1922 (Kollez. XXV-IV-886), dan id-delitt jikkonsuma ruħu bil-fatt li wieħed ikun fil-ġemgħa ta' nies, avvolja bla ebda ftehim, u jkun qiegħed jieħu parti attiva, ċjoè, kif jgħid l-Archbold ċitat fis-sentenza issa msemmija, "that he did something by word or act to take part in, help or incite the rioters"; u rriżulta appuntu li f'ċertu ħin l-imputat "took part in and helped", għax kien malġemgħa qiegħed jassisti fil-kompletazzjoni tar-"road block";

Kwantu għall-piena, l-Ewwel Qorti ma setgħetx ma qiesetx li ċ-ċirkustanza li l-imputat hu Dockyard Policeman tagħmel il-fatt tiegħu aktar gravi;

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, fil-meritu u fil-piena. Tordna li fl-espjazzjoni tal-piena jiġi meqjus iżżmien tal-karċerazzjoni provviżorja mill-ewwel sentenza lhawn (għax iż-żmien ta' qabel ġie diġà meqjus mill-Maġistrat, kif dikjarat fis-sentenza).